KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI SHARPSTON
ippreżentati fis-17 ta' Diċembru 2009[1]

1. Fl-1859, Jean-François Millet lesta u biegħ il-pittura famuża tiegħu *L'Angélus*. Sena wara l-mewt tiegħu, fi żmien meta l-familja tiegħu, bħal bosta oħrajn li ntlaqtu mill-Ewwel Gwerra Dinjija, kienet tinsab f'ċirkustanzi ta' bżonn, il-pittura reġgħet inbiegħet bi prezz li bih il-bejjiegħ stagħna b'mod konsiderevoli. Jingħad li kien il-kuntrast bejn dawn iż-żewġ ċirkustanzi li wassal lil-leġiżlatur Franċiż biex jintroduċi, fl-1920, id-*droit de suite*, jew id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid, li jistabbilixxi li l-bejgħ sussegwenti ta' xogħlijiet ta' arti jagħtu lok għall-ħlas ta' royalty lill-awtur jew lill-werrieta tiegħu[2].

2. Minn dak iż-żmien 'il hawn dan id-dritt inxtered f'sistemi ġuridiċi oħrajn. Kien iddaħħal fil-Konvenzjoni ta' Berne fl-1948[3], fuq bażi fakultattiva, u ġie stabbilit bħala obbligatorju fl-Unjoni Ewropea bid-Direttiva 2001/84 ("id-Direttiva")[4]. Għalkemm il-prinċipju huwa uniformi u r-rati applikati huma armonizzati, l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni f'diversi aspetti.

3. Skont il-pożizzjoni preżenti tad-dritt Franċiż, wara l-mewt tal-awtur tax-xogħol, il-benefiċjarji tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid huma limitati għall-werrieta leġittimi tal-awtur, bl-esklużjoni tal-legatarji testamentarji.

4. L-artist Salvador Dalí[5] miet fl-1989, u ħalla d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tiegħu kollha lill-Istat Spanjol b'testment. Kieku kien miet *ab intestato*, dawk id-drittijiet kienu jgħaddu lil għadd ta' werrieta kollaterali.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Ara l-istqarrija mill-Ministru għall-kultura u l-komunikazzjoni fl-Assemblea Nazzjonali Franċiża fis-16 ta' Marzu 2006 (http://www.assemblee-nationale.fr/12/cri/2005-2006/20060175.asp).

3 — Il-Konvenzjoni ta' Berne għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi, tad-9 ta' Settembru 1886, riveduta b'mod partikolari fi Brussell fis-26 ta' Ġunju 1948. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma partijiet għall-konvenzjoni.

4 — Direttiva 2001/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Settembru 2001, dwar id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 240).

5 — Huwa interessanti li wieħed jinnota li Dalí stess kien influwenzat ħafna minn *L'Angélus*, u fl-1963 ippubblika interpretazzjoni tagħha fit-tul "paranojaka-kritika", bit-titolu *Le mythe tragique de l'Angélus de Millet*.

5. Skont id-dritt Franċiż, id-drittijiet ta' bejgħ mill-ġdid fuq il-bejgħ tax-xogħlijiet ta' Dalí fi Franża nġabru f'isem dawk il-werrieta kollaterali. Inqalgħet kwistjoni bejn is-soċjetà Spanjola li tiġbor ir-royalties f'isem l-Istat Spanjol, rappreżentat minn fondazzjoni mwaqqfa minn Dalí qabel mewtu, u s-soċjetà ta' ġbir Franċiża li ħallset ir-royalties lill-werrieta kollaterali tiegħu.

6. F'dak il-kuntest, it-Tribunal de grande instance ta' Pariġi, isaqsi lil Qorti tal-Ġustizzja jekk il-limitazzjoni mil-leġiżlazzjoni Franċiża tal-benefiċjarji tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid għall-werrieta leġittimi hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-Direttiva*

7. Il-premessa 1 fil-preambolu tad-Direttiva tiddikjara li "id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid huwa dritt mhux assenjabbli u mhux trasferibbli", u l-premessa 3 tispjega li dan huwa maħsub "sabiex jassigura li l-awturi ta' xogħlijiet ta' l-arti figurattivi jaqsmu s-suċċess ekonomiku tax-xogħlijiet oriġinali ta' l-arti tagħhom" u sabiex jgħin biex "jagħti mill-ġdid il-bilanċ bejn is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-awturi ta' xogħlijiet ta' l-arti figurattivi u dak ta' kreaturi oħra li jibbenefikaw mill-isfruttar suċċessiv tax-xogħlijiet tagħhom".

8. Il-premessa 9 tinnota li s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel, fejn il-biċċa l-kbira tal-15-il Stat Membru li kien hemm dak iż-żmien, iżda mhux kollha, kienu jipprovdu għal dritt ta' bejgħ mill-ġdid, iżda b'differenzi sinjifikattivi, b'mod partikolari fir-rigward tax-xogħlijiet koperti, dawk intitolati jirċievu royalties, ir-rata applikata, it-tranżazzjonijiet suġġetti għal ħlas ta' royalty, u l-bażi li fuqhom kienu kkalkolati. Din tipprovdi wkoll: "L-applikazzjoni jew nuqqas ta' applikazzjoni ta' dritt bħal dan għandu impatt sinifikanti fuq l-ambjent kompetittiv fi ħdan is-suq intern, minħabba li l-eżistenza jew nuqqas ta' obbligazzjoni għal ħlas fuq il-bażi tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid hija element li għandu jingħata każ tiegħu minn kull individwu li jixtieq ibiegħ xogħol ta' l-arti. Dan id-dritt huwa għalhekk fattur li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' tgħawwiġ [distorsjoni] fil-kompetizzjoni kif ukoll l-ispjazzament [l-ispostament] ta' bejgħ fi ħdan il-Komunità."

9. Bl-istess mod, il-premessa 10 tenfasizza li "[d]isparitajiet bħal dawn dwar l-eżistenza

tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid u l-applikazzjoni tiegħu mill-Istati Membri għandhom impatt negattiv dirett fuq it-tħaddim xieraq tas-suq intern tax-xogħlijiet ta' l-arti kif ipprovdut bl-Artikolu 14 tat-Trattat", waqt li l-premessa 11 tinnota li l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid tikkontribwixxi għall-kisba tal-libertajiet inerenti fis-suq intern. Konsegwentement, skont il-premessa 13, "[i]d-differenzi eżistenti bejn il-liġijiet għandhom ikunu eliminati fejn dawn ikollhom effett ta' tfixkil fuq it-tħaddim tas-suq intern, u l-ħolqien ta' kwalunkwe differenzi ġodda ta' dak it-tip m'għandhomx jitħallew", tħassib li huwa mtenni, essenzjalment, fil-premessi 14 u 15. B'mod partikolari, skont il-premessa 23, il-funzjonament effettiv tas-suq intern fix-xogħlijiet ta' arti moderna u kontemporanja jeħtieġ l-iffissar ta' rati uniformi għad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid fl-usa' firxa possibbli.

10. Madankollu, il-premessa 13 tiddikjara wkoll li "[m]'hemmx ħtieġa għall-eliminazzjoni, jew prevenzjoni tal-ħruġ ta', differenzi li ma jkunux mistennija li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern", waqt li l-premessa 15 tipprovdi li "mhuwiex neċessarju li tkun armonizzata kull disposizzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid u, sabiex jitħalla kemm jista' jkun skop għal deċiżjoni nazzjonali, huwa biżżejjed li l-eżerċizzju ta' armonizzazzjoni jkun limitat għal dawk id-disposizzjonijiet domestiċi li għandhom l-iktar impatt dirett fuq it-tħaddim tas-suq intern".

11. Fuq l-istess linja, iżda b'mod iktar speċifiku, il-premessa 27 tiddikjara: "Il-persuni intitolati li jirċievu r-royalties għandhom ikunu speċifikati, filwaqt li jingħata il-każ dovut [b'kunsiderazzjoni] għall-prinċipju ta' sussidjarjetà. Mhuwiex xieraq li tittieħed azzjoni permezz ta' din id-Direttiva dwar liġijiet ta' Stati Membri ta' suċċessjoni. Madankollu, dawk intitolati taħt l-awtur għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw totalment mid-dritt ta' bejgħ mill-ġdid wara mewtu […]".

12. Mid-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva, l-Artikolu 1(1) jeħtieġ li l-Istati Membri "jipprovdu, għall-benefiċċju ta' l-awtur ta' xogħol oriġinali ta' l-arti, dritt ta' bejgħ mill-ġdid, li għandu jkun definit bħala dritt mhux trasferibbli, li ma jistax jitneħħa, anki bil-quddiem, sabiex jirċievi royalty ibbażata fuq il-prezz tal-bejgħ għal kwalunkwe bejgħ mill-ġdid tax-xogħol, sussegwentement għall-ewwel trasferiment tax-xogħol mill-awtur".

13. Ir-rati li għandhom jiġu applikati huma stabbiliti b'mod uniformi fl-Artikolu 4(1), b'varjanti diskrezzjonarji minuri fl-Artikolu 4(2) u (3).

14. Taħt l-Artikolu 6(1), ir-royalty għandu jkun pagabbli "lill-awtur tax-xogħol u, soġġett għall-Artikolu 8(2), wara l-mewt tiegħu lil dawk intitolati taħtu/taħtha" [6].

15. L-Artikolu 8 jipprovdi, b'mod partikolari:

"1. It-termin[u] ta' protezzjoni tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid għandu [jiddekorri għall-ħajja tal-awtur u għal 70 sena wara mewtu, irrispettivament mid-data meta x-xogħol legalment tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku [7]].

2. Permezz ta' deroga minn paragrafu 1, dawk l-Istati Membri li ma japplikawx id-dritt għal bejgħ mill-ġdid mad-[data tad-dħul fis-seħħ imsemmija fl-Artikolu 13], ma jkunux meħtieġa, għal perjodu li jiskadi mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2010, sabiex japplikaw id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju ta' dawk intitolati taħt l-artist wara l-mewt tiegħu jew tagħha. [...]

3. L-Istat Membru li għalih japplika l-paragrafu 2 jista' jkollu sa sentejn iktar, jekk ikun hemm bżonn sabiex jippermetti lill-operaturi ekonomiċi f'dak l-Istat Membru jaddattaw gradwalment għas-sistema tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid filwaqt li jżommu l-vijabilità ekonomika tagħhom, qabel ma jkun meħtieġ li japplikaw id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju ta' dawk intitolati taħt l-artist wara l-mewt tiegħu/tagħha. [...]"

16. L-Artikolu 12 jeħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 2006, u l-Artikolu 13 jispeċifika d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha bħala l-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej,* jiġifieri t-13 ta' Ottubru 2001.

B — *Id-dritt Franċiż*

17. Id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid ilu jeżisti fil-leġiżlazzjoni Franċiża sa mill-1920 [8]. Madankollu, id-dispożizzjoni rilevanti ġiet emendata fl-2006 sabiex tinġieb konformi

6 — [Nota ta' qiegħ il-paġna irrilevanti għall-verżjoni Maltija].

7 — Ara l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE, tad-29 ta' Ottubru 1993, li tarmonizza d-dewmien ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ċerti drittijiet relatati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 141), li issa ġie ssostitwit bl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar il-perijodu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati (verżjoni kodifikata) (ĠU 2006, L 372, p. 12).

8 — Loi du 20 mai 1920 frappant d'un droit au profit des artistes les ventes publiques d'objets d'art, abrogata u ssostitwita bil-Loi nº 57-298 du 11 mars 1957 sur la propriété littéraire et artistique.

bis-sħiħ mar-rekwiżiti tad-Direttiva [9]. L-Artikolu L.122-8 tal-Code de la propriété intellectuelle (Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali) issa b'hekk jipprovdi:

"L-awturi ta' xogħljiet oriġinali ta' arti grafika jew plastika li huma ċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea jew ta' Stat li huwa parti kontraenti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jgawdu minn dritt ta' bejgħ mill-ġdid, li huwa dritt inaljenabbli għal parteċipazzjoni fir-rikavat minn kwalunkwe bejgħ ta' xogħol wara l-ewwel trasferiment ta' dak ix-xogħol mill-awtur jew minn dawk intitolati taħtu jew taħtha [...]."

18. L-Artikolu L.123-7 jispeċifika ulterjorment:

"Wara l-mewt tal-awtur, id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid imsemmi fl-Artikolu L.122-8 għandu jgħaddi għand il-werrieta tiegħu jew tagħha [...], bl-esklużjoni tal-legatarji u l-aventi kawża kollha, matul il-kumplament tas-sena kalendarja inkwistjoni u s-70 sena sussegwenti" [10]."

19. Ser nirreferi għal dik id-definizzjoni tal-benefiċjarji tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid wara l-mewt tal-awtur bħala "r-regola kkontestata".

20. L-ordni ta' suċċessjoni tal-werrieta hija rregolata mill-Artikolu 734 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili Franċiż u tikkonsisti f'erba' kategoriji ta' werrieta. Fi ħdan kull kategorija, il-prijorità tiddependi fuq il-grad ta' relazzjoni. Il-qraba kollaterali lil hinn mis-sitt grad ma jirtux [11].

21. L-Artikoli 912 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili jaqsmu l-patrimonju tal-mejjet f'parti riżervata mil-liġi għal ċerti werrieta u parti li tista' titħalla b'testment lil legatarji. Bħala regola ġenerali, il-patrimonju sħiħ jista' jitħalla b'testment jekk il-mejjet ma jkunx ħalla dixxendenti jew mill-konjugi fi żwieġ eżistenti (jew, qabel l-2007, minn axxendenti diretti). Ir-regola kkontestata b'hekk hija eċċezzjoni għal dik ir-regola ġenerali.

9 — Loi n° 2006-961 du 1er août 2006 relative au droit d'auteur et aux droits voisins dans la société de l'information.

10 — Din id-dispożizzjoni ma nbidlitx minn mindu t-tul tal-perijodu applikabbli ġie estiż minn 50 għal 70 sena fl-1997. It-terminu "aventi kawża" hawnhekk qed jintuża bħala traduzzjoni tat-terminu Franċiż *"ayants cause"*, li jista' jiġi preżunt li għandu tifsira differenti minn "*ayants droit*", it-terminu użat fid-Direttiva għal "dawk intitolati taħtu/taħtha, għalkemm it-tnejn spiss jintużaw b'mod interkambjabbli bil-Franċiż.

11 — Skont l-Artikolu 724 tal-Kodiċi Ċivili, fin-nuqqas ta' werrieta u legatarji, l-Istat jiret il-patrimonju.

C — *Id-dritt Spanjol*

22. Id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid kien iddaħħal fid-dritt Spanjol fl-1987 [12], u nġab konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva bil-Liġi 3/2008 [13]. Il-leġiżlazzjoni Spanjola, għall-kuntrarju ta' dik Franċiża, ma teskludi ebda kategorija ta' persuni minn dawk li jistgħu jkunu intitolati taħt l-awtur ta' xogħol, iżda sempliċement speċifikat, sa mill-1996, li l-jedd jiġi ttrasferit biss b'suċċessjoni *mortis causa*.

II — Il-fatti, il-proċedura u d-domandi magħmula

23. Fl-1983, Salvador Dalí waqqaf il-Fundació Gala-Salvador Dalí [14] ("il-Fondazzjoni") "biex tippromwovi, trawwem, ixxerred, tiċċelebra, tħares u tiddefendi fi Spanja u f'kull Stat ieħor ix-xogħol artistiku, kulturali u intellettwali tal-pittur, il-proprjetà tiegħu u drittijiet ta' kwalunkwe natura; l-esperjenza ta' ħajtu, il-ħsibijiet tiegħu, il-proġetti u ideat tiegħu u x-xogħlijiet artistiċi, intellettwali u kulturali; il-memorja tiegħu u r-rikonoxximent universali tal-ġenjalità tal-kontribut tiegħu għall-Arti Klassiċi, għall-kultura u għall-ħsieb kontemporanju" [15].

24. Dalí miet armel fl-1989, u ma ħalliex tfal jew dixxendenti, iżda fit-testment tiegħu, ħalla lill-Istat Spanjol bħala "il-werriet universali u mingħajr ebda kundizzjoni għall-proprjetà, id-drittijiet u l-kreazzjonijiet artistiċi kollha tiegħu, waqt li jħeġġu biex jippreżerva, ixerred u jipproteġi x-xogħlijiet ta' arti tiegħu". L-Istat Spanjol aċċetta dak il-legat, u assenja l-kompitu ta' amministrazzjoni u sfruttar tad-drittijiet ikkonċernati lill-Ministeru tal-Kultura, li għaddih lill-Fondazzjoni.

25. Fl-1997, il-Fondazzjoni tat lis-soċjetà ta' ġbir Spanjola Visual Entidad de Gestión de Artistas Plásticos ("VEGAP"), li tagħha hija membru, prokura esklużiva biex teżerċita d-drittijiet tagħha u biex tiġbor is-somom dovuti fir-rigward tax-xogħlijiet ta' Dalí

12 — Ley 22/1987, de 11 de noviembre, de Propiedad Intelectual, Artikolu 24, kif iffurmulata mill-ġdid mir-Real Decreto Legislativo 1/1996, de 12 de abril, por el que se apruebe el texto refundido de la Ley de Propiedad Intelectual, regularizando, aclarando y armonizando las disposiciones legales vigentes sobre la materia.

13 — Ley 3/2008, de 23 de diciembre, relativa al derecho de participación en beneficio del autor de una obra de arte original, Artikoli 2(1) u 6.

14 — Gala kien l-isem li bih martu, Elena Dmitrievna Diakonova, kienet ġeneralment magħrufa. Hija kienet mietet fl-1982.

15 — Ara http://www.salvador-dali.org/fundacio/es_historia.html.

madwar id-dinja kollha. VEGAP, li għandha kuntratt ta' rappreżentanza reċiproka mas-soċjetà Franċiża li hija affiljata magħha, Auteurs dans les Arts Graphiques et Plastiques ("ADAGP"), talbet lil din tal-aħħar biex tiġġestixxi d-drittijiet fuq ix-xogħlijiet ta' Dalí fi Franza, b'effett mis-17 ta' Ottubru 1997.

26. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-ADAGP ġabret u ħallset lill-VEGAP, f'isem il-Fondazzjoni, l-ammonti kollha dovuti fir-rigward tal-isfruttar tax-xogħlijiet tal-artist fi Franza — bl-eċċezzjoni tad-drittijiet ta' bejgħ mill-ġdid, li hija, ta' mill-inqas inizjalment, ġabret f'isem u ħallset lill-werrieta kollaterali ta' Dalí.

27. Fit-28 ta' Diċembru 2005, il-Fondazzjoni u l-VEGAP ressqu proċeduri kontra l-ADAGP quddiem it-Tribunal de grande instance f'Pariġi. Huma jargumentaw li, skont ir-regoli kemm Franċiżi kif ukoll Spanjoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet, is-suċċessjoni għall-patrimonju mobbli ta' Dalí hija rregolata mid-dritt Spanjol peress li, meta miet, huwa kien ċittadin Spanjol domiċiljat fi Spanja. Il-Fondazzjoni b'hekk hija l-unika benefiċjarja tad-drittijiet kollha fuq ix-xogħlijiet ta' Dalí, b'mod partikolari d-dritt ta' bejgħ mill-ġdid fir-rigward ta' bejgħ pubbliku. Hija titlob li l-ADAGP tiġi ordnata tħallasha, permezz tal-VEGAP, ir-royalties kollha miġbura fuq bejgħ ta' xogħlijiet ta' Dalí sa mis-17 ta' Ottubru 1997.

28. L-ADAGP, skont kif jidher mill-atti tal-kawża nazzjonali, ma qassmet xejn mir-royalties miġbura b'dan il-mod minn mindu tressqet il-kawża, u hija disposta li tħallashom lill-parti jew partijiet li t-Tribunal de grande instance jiddeċiedi li huma intitolati għalihom. Hija tissottometti li r-royalties diġà mħallsa lis-sitt werrieta kollaterali li hija kkunsidrat li kienu intitolati skont id-dritt Franċiż, għandhom jiġu rkuprati jekk ikun il-każ mingħand dawk il-werrieta. Hija b'hekk sejħet lill-werrieta fil-kawża bħala konvenuti terzi, għalkemm ħadd minnhom ma deher.

29. It-Tribunal de grande instance josserva li Franza żammet dritt ta' bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju tal-werrieta leġittimi biss, waqt li d-Direttiva tispeċifika li dan għandu jkun pagabbli lil "dawk intitolati taħt" l-artist il-mejjet. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dan huwiex permess taħt id-Direttiva, jew

fl-applikazzjoni normali tagħha jew inkella skont id-derogi fl-Artikolu 8.

III — Evalwazzjoni

30. Għalhekk, it-Tribunal de grande instance għamel id-domandi segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"Sussegwentement għad-Direttiva [2001/84/KE] tas-27 ta' Settembru 2001, Franza tista' żżomm dritt ta' bejgħ mill-ġdid irriżervat lill-werrieta bl-esklużjoni tal-legatarji jew aventi kawża?

Id-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva [2001/84/KE] tas-27 ta' Settembru 2001 jippermettu li Franza jkollha sistema ta' deroga?"

31. Ġew sottomessi noti ta' osservazzjonijiet mill-Fondazzjoni u l-VEGAP, mill-Gvernijiet ta' Franza, l-Italja u Spanja u mill-Kummissjoni. Matul is-seduta, saru trattazzjonijiet mill-Fondazzjoni, mill-Gvernijiet ta' Franza u Spanja u mill-Kummissjoni.

32. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli 6(1) u 8(2) u (3), għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lil Franza żżomm dritt ta' bejgħ mill-ġdid li l-benefiċċju tiegħu huwa ristrett, wara l-mewt tal-awtur, għall-werrieta leġittimi tiegħu jew tagħha, bl-esklużjoni tal-legatarji jew aventi kawża.

33. Qabel ma nindirizza dawn id-domandi, madankollu, nemmen li jkun utli li jiġu kkunsidrati ċerti aspetti li jistgħu jaffettwaw l-applikabbiltà tad-Direttiva fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali kif ukoll, fis-sottomissjoni tal-Gvern Spanjol, l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari magħmula.

34. Fl-ewwel lok nosserva li l-kawża prinċipali hija bejn partijiet privati, u ma tinvolvix lil Franza bħala Stat Membru li lilu hija indirizzata d-Direttiva. Fit-tieni lok, din il-kawża tikkonċerna, ta' mill-inqas parzjalment, ammonti li setgħu nġabru, min-naħa waħda, qabel ma ġiet adottata d-Direttiva u, min-naħa l-oħra, wara li ġiet adottata iżda qabel l-iskadenza tat-terminu permess għat-traspożizzjoni tagħha. Fit-tielet

lok, fil-kawża prinċipali, ir-rikorrenti ma jibbażawx fuq xi inkompatibbiltà bejn id-dritt Franċiż u d-Direttiva, iżda fuq l-applikabbiltà tad-dritt Spanjol minflok dak Franċiż biex jiġu ddeterminati l-benefiċjarji tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid.

mgħoddija lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Fondazzjoni u l-VEGAP mhux qed jinvokaw id-Direttiva kontra l-ADAGP jew il-werrieta ta' Dalí fil-kawża prinċipali. Għall-kuntrarju, jidher li t-Tribunal de grande instance qajjem din il-kwistjoni *ex officio,* u huwa biss fis-sottomissjonijiet tagħhom lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni hekk sollevata li l-Fondazzjoni u l-VEGAP argumentaw li r-regola kkontestata ma hijiex kompatibbli mad-Direttiva.

A — "*Effett dirett orizzontali*"

35. Skont ġurisprudenza stabbilita, direttiva ma tistax minnha nfisha timponi obbligi fuq individwu u għaldaqstant ma tistax tiġi invokata *per se* kontra individwu, sabiex b'hekk anki dispożizzjoni ċara, preċiża u mingħajr kundizzjoni ta' direttiva li jkollha l-għan li tagħti drittijiet jew timponi obbligi fuq individwi ma tistax fiha nfisha tapplika f'kawża li tkun esklużivament bejn partijiet privati [16]. Peress li f'dan il-każ il-kawża prinċipali hija tabilħaqq bejn partijiet privati, dik ir-regola tidher li tipprekludi li tiġi invokata kwalunkwe inkompatibbiltà li jista' jkun hemm bejn id-dritt Franċiż u d-Direttiva.

37. F'dawk iċ-ċirkustanzi, jidhirli li l-ġurisprudenza inkwistjoni fil-fatt ma hijiex rilevanti. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat f'termini ġenerali li dispożizzjoni ta' direttiva ma tistax tapplika f'kawża bejn partijiet privati, il-bażi għal dik id-dikjarazzjoni hija li parti privata waħda ma tistax tinvoka d-dispożizzjonijiet ta' direttiva sabiex tasserixxi dritt kontra, jew biex timponi obbligu fuq, parti privata oħra. Dik il-kunsiderazzjoni ma tapplikax meta l-qorti nazzjonali tqajjem il-kwistjoni *ex officio*.

36. Madankollu, jidher ċar mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-atti tal-kawża nazzjonali

38. F'dak ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement stabbilixxiet li, fin-nuqqas ta' regoli Komunitarji (issa d-dritt tal-Unjoni Ewropea, iktar 'il quddiem id-"dritt tal-UE")

16 — Ara, iktar reċentement, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, Mono Car Styling (C-12/08, Ġabra p. I-6653, punt 59).

fil-qasam, huwa fil-kompetenza tas-sistema ġuridika nazzjonali ta' kull Stat Membru biex tistabbilixxi regoli proċedurali dettaljati li jirregolaw azzjonijiet għall-ħarsien ta' drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-UE, kemm-il darba dawk ir-regoli ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw azzjonijiet domestiċi simili (il-prinċipju tal-ekwivalenza) u li ma jagħmlux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' tali drittijiet (il-prinċipju tal-effettività). B'hekk, id-dritt tal-UE jipprekludi regola nazzjonali li, billi tipprojbixxi li qorti nazzjonali tikkunsidra *ex officio* jekk miżura tad-dritt nazzjonali hijiex kompatibbli ma' dispożizzjoni tad-dritt tal-UE, tonqos milli tirrispetta xi wieħed minn dawk il-prinċipji. Madankollu, ma teħtiġx li qorti nazzjonali tqajjem tali kwistjoni *ex officio* jekk l-ebda wieħed minn dawk il-prinċipji ma jkun inkwistjoni [17].

39. B'mod ċar, id-dritt tal-UE ma jistax jipprekludi lil qorti nazzjonali milli tqajjem *ex officio* (kif għamlet il-qorti tar-rinviju) kwistjoni ta' kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dispożizzjonijiet ta' direttiva Ewropea. Għall-kuntrarju, l-obbligu li għandhom il-qrati nazzjonali biex jinterpretaw id-dritt nazzjonali, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tat-test u l-iskop tad-direttiva inkwistjoni sabiex jinkiseb ir-riżultat imfittex [18] huwa inċentiv pożittiv sabiex huma jqajmu tali kwistjonijiet.

40. F'din il-kawża, huwa l-kompitu tad-dritt Franċiż biex jiddetermina jekk it-Tribunal de grande instance għandux kompetenza biex jitlob deċiżjoni preliminari dwar il-kompatibbiltà tar-regola kkontestata mad-Direttiva u biex jagħti effett lis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dak ir-rigward, jekk jirriżulta li r-regola hija inkompatibbli mad-Direttiva, din ma għandhiex tiġi applikata, peress li jidher diffiċli li wieħed jinterpreta t-termini espliċiti tagħha fis-sens li jinkludu legatarji, u l-obbligu li d-dritt nazzjonali jiġi interpretat b'mod konformi mad-dritt tal-UE ma jistax iservi bħala l-bażi għal interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali *contra legem* [19].

41. Madankollu, ma sar ebda suġġeriment li t-Tribunal de grande instance ma għandux kompetenza biex jitlob deċiżjoni preliminari jew biex jieħu kwalunkwe passi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jagħti effett lil dik

17 — Din il-linja magħrufa ta' ġurisprudenza, li qed niġbor fil-qosor hawnhekk, bdiet bis-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck (C-312/93, Ġabra p. I-4599) u van Schijndel u van Veen (C-430/93 u C-431/93, Ġabra p. I-4705), u ġiet ippreżentata iktar reċentement fis-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et* (C-222/05 sa C-225/05, Ġabra p. I-4233 fil-punti 28 sa 42). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro f'din l-aħħar kawża, punti 13 sa 41.

18 — Ara, iktar reċentement, is-sentenza Mono Car Styling, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 60 *et seq*.

19 — Ara s-sentenza Mono Car Styling, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk.

id-deċiżjoni. Ser nipproċedi fuq il-bażi li għandu kompetenza u jista' jagħti effett xieraq lis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

B — *L-applikabbiltà ratione temporis tad-Direttiva*

42. ADAGP ilha tiġbor royalties fuq bejgħ mill-ġdid ta' xogħlijiet ta' Dalí sa mis-17 ta' Ottubru 1997. Id-Direttiva daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Ottubru 2001, u l-Istati Membri kienu meħtieġa jdaħħlu fis-seħħ il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw magħha qabel l-1 ta' Jannar 2006 (suġġett għal ċerti derogi temporanji possibbli taħt l-Artikolu 8(2) u (3), sal-1 ta' Jannar 2010 jew l-1 ta' Jannar 2012 rispettivament, li huma s-suġġett tat-tieni domanda tal-qorti nazzjonali).

43. Għaldaqstant, fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 2006 'il quddiem, l-interpretazzjoni tad-Direttiva hija rilevanti. Madankollu, ma jista' jkollha ebda rilevanza diretta fir-rigward tal-perijodu qabel it-13 ta' Ottubru 2001 jew, tabilħaqq, fir-rigward tal-perijodu bejn dawk iż-żewġ dati.

44. Għalkemm matul il-perijodu għat-traspożizzjoni ta' direttiva l-Istati Membri għandhom jiddeżistu milli jadottaw xi miżura li tista' tippreġudika serjament ir-riżultat preskritt, huma mhumiex obbligati jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu. F'din il-kawża, ir-regola kkontestata ma ġiet emendata b'ebda mod matul il-perijodu għat-traspożizzjoni.

45. Fir-rigward tad-dmir ta' interpretazzjoni konsistenti, il-qrati nazzjonali huma obbligati jinterpretaw id-dritt domestiku (sa fejn ikun possibbli) b'mod konformi ma' direttiva biss malli jkun skada l-perijodu għall-interpretazzjoni tagħha [20]. Fil-frattemp, huma obbligati biss illi jiddeżistu (ukoll, sa fejn ikun possibbli) minn kwalunkwe interpretazzjoni li tista' tippreġudika serjament il-kisba fil-futur tal-objettiv segwit mid-direttiva, wara li jkun skada l-perijodu għat-traspożizzjoni [21].

46. Madankollu, kif osservajt, jidher li huwa diffiċli biex is-sempliċi test tar-regola

20 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie (C-129/96, Ġabra p. I-7411), speċjalment fil-punti 43 sa 45, kif ukoll is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, Ġabra p. I-6057, punti 114 u 115).

21 — Ara s-sentenza Adeneler *et*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 123, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, Ġabra p. I-2949, punt 39).

kkontestata jiġi interpretat b'mod ieħor. Jekk dak huwa l-każ, ir-riżerva ta' "sa fejn ikun possibbli" fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja donnha telimina kwalunkwe dmir ta' interpretazzjoni konsistenti f'din il-kawża. Konsegwentement, fil-każ ta' inkompatibbiltà bejn ir-regola kkontestata u d-Direttiva, l-unika alternattiva li tidher li teżisti tkun li r-regola ma tiġix applikata [22], u obbligu biex isir dan jista' jinħoloq biss fir-rigward tal-perijodu wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni. Kieku r-regola kkontestata kellha tibqa' ma tiġix applikata fir-rigward ta' dak il-perijodu, b'mod ċar tqum il-kwistjoni ulterjuri jekk tistax xorta waħda tiġi applikata fir-rigward ta' perijodi preċedenti, iżda dik tkun kwistjoni li taqa' għal kollox taħt id-dritt Franċiż u mhux taħt id-dritt tal-UE.

C — *Id-dritt applikabbli*

47. L-argument prinċipali tal-Fondazzjoni u tal-VEGAP, kemm fil-kawża prinċipali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u tal-Gvern Spanjol quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, hu li d-dritt Spanjol u mhux dak Franċiż huwa kompetenti biex jiddetermina l-identità ta' dawk "intitolati taħt" Salvador Dalí wara mewtu, peress li huwa d-dritt Spanjol li jirregola s-suċċessjoni għall-beni mobbli tiegħu. Konsegwentement, huma jissottomettu, ma tqumx il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tar-regola kkontestata mad-Direttiva. Il-Gvern Spanjol jissottometti wkoll li d-domandi b'hekk huma inammissibbli, peress li mhumiex neċessarji biex isolvu l-kwistjoni fil-kawża prinċipali.

48. Għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni dwar domanda għal deċiżjoni preliminari magħmula minn qorti nazzjonali meta jkun pjuttost ovvju li l-interpretazzjoni mitluba ma jkollha ebda rabta mal-fatti attwali tal-kawża prinċipali jew l-iskop tagħha [23], ma jidhirlix li huwa possibbli li tintlaħaq dik il-konklużjoni f'din il-kawża. Biex tintlaħaq dik il-konklużjoni, ikun meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel konstatazzjoni tad-dritt nazzjonali — id-determinazzjoni tad-dritt applikabbli għas-suċċessjoni tal-patrimonju ta' persuna mejta għadu ma huwiex irregolat mid-dritt tal-UE b'ebda mod [24] — li huwa *ultra vires* mill-kompetenzi tagħha.

22 — Ara, iktar reċentement, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-27 ta' Ottubru 2009, ČEZ (C-115/08, Ġabra p. I-10265, punt 140).

23 — Ara, iktar reċentement, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Ottubru 2009, Compañía Española de Comercialización de Aceite *et* (C-505/07, Ġabra p. I-8963, punt 26).

24 — Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat ifformulat Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tal-patrimonji ta' persuni mejtin, konkluża fl-1 ta' Awwissu 1989 — iżda, mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ġiet iffirmata biss mil-Lussemburgu u l-Olanda, u rratifikata biss mill-Olanda. Barra minn dan, xahar qabel is-seduta f'din il-kawża, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (COM(2009)154 finali, tal-14 ta' Ottubru 2009) — iżda, ma għandniex xi ngħidu, dik il-proposta għadha 'l bogħod milli ssir liġi. L-Artikolu 3 *et seq.* tal-Konvenzjoni tal-Aja u l-Artikolu 16 *et seq.* tal-proposta tal-Kummissjoni jkunu jfissru, kieku kienu applikabbli, li s-suċċessjoni għall-patrimonju ta' Salvador Dalí tkun irregolata mid-dritt Spanjol.

49. Madankollu, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, jidhirli li l-qorti nazzjonali teħtieġ li tkun taf, fl-ewwel lok, jekk l-identità tal-benefiċjarji tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid wara l-mewt tal-artist hijiex irregolata mid-dritt li taħtu tinġabar ir-royalty jew mid-dritt li jirregola s-suċċessjoni għall-patrimonju tal-artist. Huwa biss f'dan l-aħħar każ li hija trid tiddeċiedi liema dritt jirregola dik is-suċċessjoni, kwistjoni li tmur lil hinn mill-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista', min-naħa l-oħra, tindika jekk id-Direttiva tipprovdix xi gwida dwar id-domanda inizjali.

50. It-terminu "dak intitolati taħt" l-awtur imkien mhi ddefinita fid-Direttiva. Impliċitament, iżda madankollu b'mod ċar, il-premessa 27 fil-preambolu tħalli d-definizzjoni f'idejn id-dritt nazzjonali, u tirreferi b'mod partikolari għal-liġijiet tas-suċċessjoni tal-Istati Membri. Huwa ċar ukoll mill-istorja leġiżlattiva, li din kienet l-intenzjoni li kellhom kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Kunsill matul il-proċess leġiżlattiv [25]. Waqt li l-Parlament fil-fatt ippropona emendi għall-abbozz tad-dispożizzjoni, huwa kien konvint li l-prinċipju tas-sussidjarjetà kien jeħtieġ li l-identità tal-benefiċjarji wara l-mewt tal-awtur għandha tiġi ddeterminata mid-dritt nazzjonali u li ma għandu jkun hemm ebda interferenza mal-liġi tas-suċċessjoni [26]. Ma' dan għandi nżid li, kieku kien hemm xi intenzjoni biex jiġu armonizzati r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet fil-qasam tas-suċċessjoni, id-Direttiva ma setgħetx tkun ibbażata, kif inhi, sempliċement fuq l-Artikolu 95 KE [27], iżda kien ikollha tirreferi, bħall-proposta li għaliha qed issir referenza fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, għall-Artikoli 61 KE u 67 KE [28].

51. Konsegwentement, meta tinqala' kwistjoni dwar l-identità tal-benefiċjarju jew benefiċjarji tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid wara l-mewt tal-awtur ta' xogħol, quddiem qorti fl-Istat Membru fejn tkun inġabret ir-royalty korrispondenti, dik il-qorti għandha tapplika r-regoli li, skont id-dritt nazzjonali tagħha, jiddeterminaw dik il-kwistjoni. Fin-nuqqas ta' xi dispożizzjoni iktar speċifika, dan ikun ifisser ir-regoli sostantivi tad-dritt nazzjonali identifikat mir-regoli tagħha dwar il-kunflitt tal-liġijiet bħala li jirregola s-suċċessjoni.

52. Madankollu, il-fatt li huwa ċar li d-Direttiva ma hijiex intiża biex tinterferexxi

25 — Ara b'mod partikolari l-espożizzjoni tal-motivi tal-Kunsill, tal-5 ta' Ġunju 2000, għall-pożizzjoni komuni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2000 (7484/00 ADD 1), punt 23, u l-opinjoni tal-Kummissjoni, tal-24 ta' Jannar 2001, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (COM(2001) 47 finali), punt 3.1.2(b).

26 — Ara r-rapport tal-ewwel qari fil-Parlament, tat-3 ta' Frar 1997 (dokument A4-0030/97), espożizzjoni tal-motivi, punt IV(A)(2), u r-rapport tat-tieni qari tiegħu, tad-29 ta' Novembru 2000 (dokument A5-0370/2000), espożizzjoni tal-motivi, sezzjoni III, it-tmien punt.

27 — Ara, issa, l-Artikolu 114 TFUE.

28 — Ara, issa, l-Artikolu 67 TFUE.

mad-dritt nazzjonali, u ma torbotx l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji wara l-mewt tal-artist esklużivament mal-liġi li tirregola s-suċċessjoni għall-patrimonju tiegħu jew tagħha, fil-fehma tiegħi jimplika li Stat Membru ma huwiex prekluż milli jadotta dispożizzjoni iktar speċifika, fil-forma ta' regola sostantiva li tipprevali totalment jew parzjalment fuq ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet li inkella jagħżlu d-dritt applikabbli.

fil-kawża prinċipali, il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tagħha mad-Direttiva trid tiġi indirizzata.

D — *L-ewwel domanda*

53. Dik il-konklużjoni, barra minn hekk, tidher li hija l-iktar waħda konsistenti mal-Artikolu 14b tal-Konvenzjoni ta' Berne, li jistipula li d-dritt ta' bejgħ mill-ġdid jgħaddi, wara l-mewt tal-awtur, fuq "il-persuni jew istituzzjonijiet awtorizzati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali", test li jidher li huwa usa' minn referenza għal-liġi tas-suċċessjoni, irrispettivament minn kif ikun magħżul.

56. Id-Direttiva tippermetti li Stat Membru, fil-leġiżlazzjoni domestika tiegħu, jillimita l-kategorija ta' "dawk intitolati taħt" l-artist bil-mod stabbilit fir-regola kkontestata?

54. Huwa għalhekk fil-kompetenza tat-Tribunal de grande instance biex jiddetermina jekk ir-regola kkontestata hijiex regola prevalenti ta' dan it-tip u, jekk le, liema liġi tas-suċċessjoni hija magħżula mir-regoli applikabbli dwar il-kunflitt tal-liġijiet.

57. Jidhirli li, għal raġunijiet simili għal dawk li ddiskutejt iktar 'il fuq meta kkunsidrajt id-diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri biex jiddeterminaw id-dritt applikabbli, ir-risposta għandha tkun "iva".

55. Jekk nassumu li, bħala riżultat ta' dik l-analiżi, ir-regola kkontestata tapplika

58. Id-Direttiva ma tagħtix definizzjoni ta' "dawk intitolati taħt" l-artist wara mewtu jew mewtha. Hija tħalli dik id-definizzjoni f'idejn id-dritt nazzjonali u, b'implikazzjoni,

b'mod iktar partikolari (għalkemm mhux neċessarjament esklużivament) għal-liġi nazzjonali dwar is-suċċessjoni. Differenzi bejn sistemi legali nazzjonali li ma jistgħux ikunu mistennija li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern jistgħu jitħallew intatti [29]. B'hekk m'hemm ebda kategorija uniformi ta' "dawk intitolati", u l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu kwalunkwe definizzjoni li ma tistax tkun mistennija li ser ikollha tali effett.

59. It-tħassib ewlieni, kif jirriżulta b'mod ċar mill-premessa 9 fil-preambolu għad-Direttiva [30], kien li tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-bejgħ ta' xogħlijiet ta' arti jkunu kkonċentrati fl-Istati Membri fejn id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid jew ma kienx applikat jew kien inqas oneruż, għad-detriment ta' irkantaturi jew negozjanti oħrajn fl-Istati Membri li jkunu fittxew li jippermettu lill-artist (u s-suċċessuri tiegħu jew tagħha ta' kwalunkwe tip) biex jieħu sehem mill-profitti ġġenerati miż-żieda fil-valur tax-xogħlijiet ta' arti.

60. Tali sitwazzjoni kienet teżisti qabel ma ġiet adottata d-Direttiva, u kienet ikkawżata mir-riluttanza tal-bejjiegħa biex iċedu parti mill-prezz li jiddaħħal minn xogħol ta' arti. Naqbel mal-Kummissjoni li, wara l-adozzjoni tad-Direttiva, il-probabbiltà li l-bejjiegħa jkunu inklinati li jagħżlu l-Istat Membru fejn ibiegħu b'referenza għall-identità tal-persuni li jkunu intitolati għar-royalties — fattur li ma jinfluwenzax l-ammont li għandu jitħallas, u li, tabilħaqq, jista' fil-fatt ma jkunx magħruf lill-bejjiegħ — hija negliġibbli, u ma tistax tkun mistennija li taffettwa l-funzjonament tas-suq intern. F'dak ir-rigward, minix konvint — u tabilħaqq ninsab konfuż — mis-suġġeriment tal-Gvern Spanjol matul is-seduta li l-bejgħ jista' jkun attratt lejn l-Istati Membri fejn ma jkun hemm ebda persuna "intitolata taħt" l-artist. Anki jekk ma jkun hemm ebda dispożizzjoni speċifika oħra f'sistema nazzjonali partikolari, jidhirli li l-patrimonju ta' artist mejjet dejjem jgħaddi lil xi ħadd, anki jekk biss lill-Istat bħala *ultimus haeres*.

61. Bl-istess mod, ma naċċettax l-argument imressaq mill-Fondazzjoni u l-VEGAP u mill-Gvern Spanjol, li jgħid li l-kunċett ta' "dawk intitolati taħt" artist mejjet għandu

29 — Il-premessa 13 fil-preambolu.

30 — Ara l-punt 8 iktar 'il fuq.

jiġbor fi ħdanu dawk kollha intitolati taħt il-liġi tas-suċċessjoni applikabbli u ma jistax jiġi ddifferenzjat f'kategoriji separati, li whud minnhom huma intitolati u oħrajn le.

62. Jekk ir-regola kkontestata hija waħda li tipprevali fuq ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet relatati mas-suċċessjoni, ma jista' jkun hemm ebda raġuni għalfejn ma għandhiex tkun tista' teskludi whud minn dawk li setgħu jkunu intitolati taħt il-liġi tas-suċċessjoni. Tali esklużjoni, fi kwalunkwe każ, ma jista' jkollha ebda effett negattiv fuq is-suq waħdieni.

63. Lanqas m'hemm xi raġuni biex jiġi adottat approċċ differenti jekk ir-regola kkontestata hija fiha nfisha regola sostantiva tal-liġi tas-suċċessjoni. Il-libertà ta' individwu biex jiddisponi mill-patrimonju tiegħu wara mewtu tista' tvarja bejn sistema ġuridika u oħra, u diversi regoli jew mekkaniżmi jistgħu jillimitaw il-possibbiltà li jingħataw legati barra, pereżempju, miċ-ċirku ta' werrieta leġittimi, jew ta' dixxendenti u/jew konjugi superstiti. Id-distinzjoni li ssir fir-regola kkontestata taqa', fil-fehma tiegħi, fi ħdan dak il-qasam, u b'hekk fi ħdan il-medda ta' għażliet leġittimi fil-liġi nazzjonali tas-suċċessjoni li għaliha tirreferi d-Direttiva sabiex tiddetermina l-benefiċjarji tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid wara l-mewt tal-artist.

64. Kien hemm xi diskussjoni matul is-seduta dwar jekk, għalkemm id-Direttiva tħalli d-definizzjoni ta' "dawk intitolati" f'idejn id-dritt nazzjonali, l-Istati Membri kinux taħt xi obbligu li jirrispettaw ir-regoli tas-suċċessjoni ta' xulxin, fi spirtu ta' kooperazzjoni leali, jew forsi ta' "kortežija tal-Istati Membri", meta jistabbilixxu dik id-definizzjoni. Madankollu, nibża' li tali approċċ joqrob b'mod perikoluż lejn "armonizzazzjoni mill-bieb ta' wara" tar-regoli tas-suċċessjoni jew tal-kunflitt tal-liġijiet, li jmur lil hinn mill-ambitu tad-Direttiva — mill-perspettiva kemm tal-bażi legali tagħha kif ukoll tal-intenzjoni leġiżlattiva espressa.

65. Kif it-tnejn jagħmluha ċara, ir-rwol tad-Direttiva huwa llimitat li jelimina distorsjonijiet fl-ambjent kompetittiv fi ħdan is-suq intern. Ir-rikonoxximent reċiproku — f'dan il-każ ir-rikonoxximent minn Stat Membru li jiġbor ir-royalties tad-definizzjoni ta' "dawk intitolati taħt" artist mejjet fl-Istat Membru li l-liġi tas-suċċessjoni tiegħu

tapplika għall-patrimonju ta' dak l-artist — huwa kunċett plawżibbli. Madankollu, ma nikkunsidrax li jaqa' fl-ambitu ta' din id-direttiva partikolari. Li tiġi żgurata l-impożizzjoni ta' dritt ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni kollha hija ċentrali għall-iskop tad-Direttiva. Li jiġi żgurat li d-dritt jibbenefika preċiżament lil dawk intitolati taħt liġi partikolari tas-suċċessjoni ma huwiex.

66. L-għażla li tinsab fir-regola kkontestata hija waħda ta' politika u, bħala tali, hija dejjem dibattibbli [31]. Madankollu, fil-fehma tiegħi hija għażla li tibqa' għal kollox fi ħdan id-diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri u li ma tistax tiġi mistennija li ser taffettwa l-funzjonament tas-suq intern. B'hekk ma hijiex prekluża mid-Direttiva.

E — *It-tieni domanda*

67. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mar-risposta li qed nipproponi għall-ewwel domanda, it-tieni domanda — jekk ir-regola kkontestata tistax tinżamm taħt id-derogi fakultattivi u tranżitorji fl-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva — ma tkunx teħtieġ risposta. Iżda sal-punt li xorta waħda tista' tkun neċessarja, ir-risposta tista' tkun fil-qosor ħafna.

68. Id-derogi fl-Artikolu 8, moqrija flimkien mal-Artikolu 13 tad-Direttiva, huma disponibbli espressament għall-Istati Membri li ma applikawx id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid fit-13 ta' Ottubru 2001.

69. Franza fil-fatt applikat id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid f'dik id-data, u b'hekk ma tistax tibbenefika mid-derogi.

70. Fi kwalunkwe każ, dawk id-derogi jippermettu biss lill-Istati Membri biex ma japplikawx id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju ta' dawk intitolati taħt l-artist; ma jikkonċernawx il-kwistjoni ta' applikazzjoni biss għal grupp ristrett ta' benefiċjarji.

31 — Wieħed jista', pereżempju, isaqsi għalfejn tali regola għandha tapplika biss għad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid u mhux, pereżempju, għad-dritt tal-awtur f'xogħlijiet letterarji (ir-risposta hija possibbilment relatata mal-fatt li d-dritt ta' bejgħ mill-ġdid, b'differenza mid-dritt tal-awtur, ma jistax jiġi assenjat u ma jistax jiġi ttrasferit). U d-dibattitu f'din il-kawża seta' kien iktar jaħraq kieku Salvador Dalí ma kienx ġie sopravissut minn werrieta fis-sitt grad jew eqreb, b'tali mod li d-dritt ta' bejgħ mill-ġdid kien jinġabar mill-Istat Franċiż minkejja l-fatt li Dalí espliċitament ried li dan imur għand l-Istat Spanjol.

IV — Konklużjoni

71. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet mogħtija hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domandi magħmula mit-Tribunal de grande instance, Pariġi, skont kif ġej:

"Id-Direttiva 2001/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Settembru 2001, dwar id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti ma tipprekludix regola nazzjonali li taħtha, wara l-mewt tal-awtur, l-intitolament għad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid jgħaddi biss lill-werrieta leġittimi, bl-esklużjoni ta' legatarji jew aventi kawża."